MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-28 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 602/2014

**Matthew Borg (detentur ta'**

**karta ta'  l-identita nru. 146777M)**

**vs**

**Roderick Falzon (detentur ta'**

**karta ta' l-identita' b'numru 328877)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Matthew Borg tas-7 ta'Lulju, 2014 li jaqra hekk:

1. *"Illi r-rikorrenti fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena 2007 sellef is-somma ta' disgha u tletin elf u sitt mitt Ewro (€39,600) brevi manu lill-konvenut hekk kif jirrizulta mill-ftehim iffirmat mill-intimat hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

2. *Illi l-partijiet permezz ta' l-iskrittura privata hawn fuq referita ftehmu li l-konvenut ghandu jhallas is-somma mislufa lura lill-attur meta dan jitlobhom minn ghand il-konvenut;*

3. *L-attur kien qabel li jssellef lill-konvenut din is-somma peress li kellu fiducja fih u abazi tar-relazzjoni ta' hbiberija li kien hemm bejniethom;*

4. *Illi f'nofs is-sena 2012 1-attur kien talab is-somma ta' tlieta u disghin elf u sitt mitt Ewro (€39,600) lill-konvenut rapprezentanti l-kapital misluf lilu fil-hamsa u ghoxrin ta' Settembru 2007;*

5. *Illi fl-ghoxrin (20) ta' Lulju 2012 il-konvenut kien beda jhallas pagamenti ta' mitejn Euro (€200) fil-gimgha sabiex jibda' jitnaqqas l-ammont dovut minnu, hekk kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok B;*

6. *Illi l-ahhar pagament li sar mill-konvenut kien sittin gimgha wara l-ewwel pagament u b'kollox il-konvenut hallas is-somma ta' disa' t'elef mija u tmienja u tletin Ewro (€9,138);*

7. *Illi l-konvenut huwa ghalhekk debitur ta' l-attur ghas-somma ta' tletin elf erba' mija u tnejn u sittin Euro (€30,462) rapprezentanti self brevi manu;*

8. *Illi l-imsemmi ammont ta' tletin elf erba' mija u tnejn u sittin Euro (€30,462) huwa dejn cert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-ezekuzzjoni ta' xi fatt, mill- konvenut lill-attur u ghalhekk fil-fhema ta' l-attur jikkonkorru l-elementi preskritti mi1l-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12, tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il- kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta' l-istess attur, il- konvenut mghandhux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas ta' 1-imsemmi ammont;*

9. *Illi ghalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dana l-ammont baqa ma thallasx mill-konvenut u ghalhekk kellha issir din il-kawza;*

10. *Illi fl-umli fehma ta' l-attur, il-konvenut ma ghandhux eccezzjonijiet validi x'jaghti ghat-talbiet ta' l-attur;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:*

1. *Taqta il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal- Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara lill-konvenut huwa debitur ta' l-attur ghas-somma ta' tletin elf erba' mija u tnejn u sittin Euro (€30,462) rapprezentanti self brevi manu;*

3. *Tikkunda lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' tletin elf erba' mija u tnejn u sittin Euro (€30,462) ghar-ragunijiet kif fuq dettaljati;*

*Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kontra l-konvenuti li jibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni."*

Rat id-digriet taghha tad-9 Lulju 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-18 ta' Lulju 2014 fil-11:00am;

Rat illi l-atti tar-rikors, digiret u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lil partijiet bil-procedura tal-affisjoni fis-17 ta' Settembru 2014, bil-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fil-21 ta' Novembru 2014, fil-Gazzetta Lokali fid-9 ta' Jannar 2015;

Rat id-digriet tagħha tat-Tnejn 2 ta'Marzu 2015, li bih akkordat lil Roderick Falzon terminu ta' ghaxart' (10) ijiem zmien sabiex iressaq s-sottomissjonijiet, ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi Roderick Falzon la deher u lanqas ma ressaq ebda sottomissjoni;

Rat illi ghalhekk ma jezisti ebda ostakolo sabiex il-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

Mir-rikors promotur mahluf minn Matthew Borg, jirrizulta illi l-intimat issellef is-somma ta' disgha u tletin elf u sitt mitt Ewro (€39,600) mir-rikorrenti skond skrittura Dok A a fol 6 tal-process.

Jirrizulta minn Dok B a fol 7 u 8, illi l-intimat ghamel diversi pagamenti li jammontaw globalment ghal disa t'elef mija tmienja u tletin Ewro (€9138) u ghaldaqstant ghadu pendenti u dovut il-bilanc ta' tletin elf erbgha mija tnejn u sittin Ewro (€30,462).

Il-Qorti tinnota b'dizapprovazzjoni li r-rikorrenti kien qed jippretendi fl-iskrittura Dok A, imghax bil-5% pagabbli kull xahar. Dan huwa bi vjolazzjoni tal-ligi u kontra l-ordni pubbliku, izda ma jidhirx li hemm talba ghall-hlas ta' dawn l-interessi fil-kawza odjerna.

Illi ghal dawn il-mottivi u fid-dawl tan-nuqqas tad-dehra tal-intimat u tal-inadempjenza tieghu ghall-fakolta moghtija minn din il-Qorti sabiex jipprezenta sottomissjonijiet bil-miktub, din il-Qorti ma tarax li ghandha alternattiva ghajr illi taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Roderick Falzon b'dana li l-imghax legali jibda jiddekkorri mid-data ta' din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------